MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru 220/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**v**

**Gino Zammit ta‘ 29 sena iben Ronald u Josephine nee Mizzi, imwieled Pieta‘ fit-23 ta‘ Jannar, 1976, u residenti Block A, Flat 35, Triq Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 164776 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Gino Zammit li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer bekm Gunju 2004 u Dicembru 2004 u fiz-zmien ta‘ wara b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
(1) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor,jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh globali ta' madwar Lm 30,000 ghad-dannu ta' Joseph Vella, Maria Sciberras u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Ukoll talli wieghed, ta, offra sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li kkonfermat illi huwa kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hija msemmija fis-subartikolu IV, sabiex gieghlet lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq kien ghal dik il-persuna jew ghal haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 121A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(3) Ukoll talli bil-hsieb li jestorci flus, jew haga ohra, jew talli ghamel qligh jew bil-hsieb li jgieghel lil presuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew li taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil Maria Sciberras, Joseph Vella jew persuna ohra u dan bi ksur tal-artikolu 250 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-istess Gino Zammit wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe:

18, 308, 309, 310, 121A, 250, 31, 20, 23 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat li Gino Zammit ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 516).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza fl-andament taghha kienet karatterizzata b'xhieda ta' natura delikata minhabba l-implikazzjonijiet li svolgew fil-kors tas-smigh. Hawn fil-fatt ghandna zewg kwerelanti, certu Joseph Vella u bintu Maria Sciberras li qed jallegaw frodi, theddid, estorsjoni mill-aktar grassa lejhom minn id l-akkuzat. Huwa fil-fatt saljenti illi jigu riprodotti s-sintesi ta' dak li hija x-xhieda principali tal-parte leza u xhieda ohra prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-istess parti leza.

Joseph Vella ghalhekk xehed illi huwa sar jaf lil Gino Zammit meta gie lilu ntrodott min habib komuni ghat-tnejn certu John Coleiro. Dan gara stante li Coleiro u Zammit kienu se jsiefru lejn it-Turkija fuq xoghol u ghalhekk l-akkuzat u l-parte leza iltaqghhu biex jaraw ghandhomx pjacir b'xulxin biex b'hekk Vella jakkompanjahom.

Spjega li Coleiro kien infurmah illi dan Zammit kien pulizija tas-CID u sahansitra kien anke ghenu meta r-ragel ta' bintu kien hadlu l-mutur li ma kienx licenzjat u habat bl-istess.

Ma' l-ewwel laqgha taghhom, Vella xehed li Gino Zammit qallu li hu kien il-pulizija tas-CID u li kien ghadu gej mill-Qorti. Wara din il-laqgha ftehmu li t-tlieta kemm huma kellhom isiefru flimkien lejn it-Turkija u l-Bulgarija. Spjega Joe Vella li Gino Zammit telgha lejn it-Turkija biex jixtri l-hwejjeg u min-naha tieghu Joseph Vella biex jixtri spare parts. Jirrizulta fil-fatt mix-xhieda illi Joseph Vella ghandu negozju li jbiegh parts tal-karozzi gewwa Ghawdex.

Darba li waslu t-Turkija Gino Zammit ha lil Joseph Vella biex jara parts tal-karozzi biex jurih ix-xoghol li l-parte leza

kien jixtri minghand it-terz akkompanjant Joseph Coleiro. Zammit fil-fatt qal lil Vella illi jekk ried setgha jergghu jitilghu flimkien lejn it-Turkija u jghinu jixtri l-parts ghall-karozzi. Skond Joseph Vella, Gino Zammit anke beda jghidlu li John Coleiro kien qed ibeghlu l-parts bi prezz aktar gholi - dan ghaliex Joseph Vella kien jixtri parts li kien ibiegh minghand dan Joseph Coleiro. Stante li Coleiro kellu jinzel lejn Malta qabilhom, allura Vella xehed li hu u Zammit, issa wahedhom saru hbieb mhux hazin. Xehed li darba li waslu lura lejn Malta Gino Zammit kien cempillu u kien talbu jsellfu s-somma ta' Lm 1850 ghax kellu xi dejn ma' Coleiro. Talbu dawn il-flus b'self. Ghalhekk Joseph Vella ghamillu bank draft ghall-ammont mitlub u baghtha lil Gino Zammit, ara Dok JV u JV1 esebiti a folio 118. Skond ix-xhud Joseph Vella, Zammit beda jzomm kuntatt gurnalier mieghu. F'okkazjoni kien anke cempillu li kellu bzonn farmhouse gewwa Ghawdex ghal Spettur habib tieghu. Joseph Vella kien ghalhekk cempel habib iehor tieghu, certu Joseph DeBrincat. Kien fil-fatt dana De Brincat li fil-fatt ha lil dan l-Ispettur fil-farmhouse mikrija. Fil-konfront ta' din il-farmhouse kien Joseph Vella li hallas skond ix-xhieda tieghu din il-farmhouse versu s-somma ta' Lm 264, vide Dok JV2. Dan nonostante li din l-ircevuta tidher mahruga fuq isem Gino Zammit.

Dwar dan l-ammont Vella xehed li l-akkuzat qallu li kellu jzid dawn l-ispejjez mal-kont tieghu. Wiehed irid jiftakar li gia kien sellfu soma flus.

Zammit u Vella regghu ftehmu li jitilghu it-Turkija, l-akkuzat biex jixtri l-hwejjeg u Vella biex jixtri l-parts. Jghid Vella li mar ghand l-Agenzija Fexco u sarraf f'dollari Amerikani s-somma ta' Lm 4500, flus li hu kien bi hsiebu juza biex jixtri l-parts imsemmija mit-Turkija. Kien sieheb Vella, De Brincat li wassalhom l-ajruport.

Xehed ukoll Joseph Vella li quddiem dan De Brincat, hu ta l-ekwivalenti tas-somma ta' Lm 2225 lil Gino Zammit biex izommhomlu, cioe nofs il-flus li kien sarraf ghand l-Agenzija Fexco. Dan ghamlu ghax Zammit indikalu li setgha jsib problema biex jghaddi mill-kontroll Tork b'dak

l-ammont ta' flus u ghalhekk issuggerielu li stante li hu kien pulizija hu ma kienx jirriskontra dan it-tip ta' problemi.

Darba li waslu l-ajruport tat-Turkija Zammit dderigih biex johrog qablu, biex fil-kaz tal-pulizija jzommuh minhabba l-flus, ma jigux arrestati t-tnejn kemm huma.

Vella hekk ghamel. Gino Zammit dam aktar minn kwarta biex wasal hdejn Vella, meta fil-fatt wasal hdejh qallu lill-Pulizija (Torok) kien hadulu l-flus ghax qalulu li ma setghax idahhalhom. Qallu wkoll illi pero' l-Pulizija Torka kellhom jibghatu dawn il-flus lill-Pulizija Maltija. Qallu wkoll ghax rah inkwetat illi jekk ma kinux se jgibu l-flus lura, kien lest illi jaghtihomlu lura hu stess u ghalhekk kellu jzidhomlu mal-kont. Dan id-diskors sar meta Zammit beda jara lil Vella inkwetat fuq dawn il-flus, tant li biex jassigurah li kien se jgibhom beda anke jsemmilu ismijiet ta' nies influwenti bhal per ezempju dak iz-zmien l-Eccelenza Tieghu Guido De Marco. Dan l-incident gara meta Vella u Zammit marru t-tieni darba gewwa t-Turkija f'Awissu 2004.

Xehed ukoll Vella illi huwa ta anke flus f'dollari gewwa t-Turkija lil Gino Zammit (vide Dok JV4 folio 122, flejjes immarkati b'salib). Fil-fatt skond Joseph Vella dan id-dokument, redatt minnu, juri ammonti ta' flus li hu ta lil Gino Zammit. Pero' in partikolari, f'dan ir-rigward ghamel referenza ghall-flus li hu jghid li ta lil Zammit gewwa t-Turkija.

Esebixxa wkoll Joseph Vella dokument tal-Bank of Valletta li juri tranzazzjonijiet li saru bl-uzu tal-Visa card mahruga lilu. Jghid fil-fatt Vella li dawn it-tranzazzjonijiet li jidhru fuq l-istatement tal-VISA (Dok JV3 121, 122) ntuzaw biex inxtraw hwejjeg mit-Turkija bihom. Qal illi Zammit kien xtara dawn il-hwejjeg, mill-VISA account ta' Vella, qallu illi kien se jhallsu ta' dawn il-hwejjeg inkluz li kien se jaghtih parti mill-qligh taghhom. Fil-fatt dwar l-uzu tal-kont tal-VISA, mistoqsi mill-Qorti, Vella eskluda li dan ghamel uzu mill-kont tieghu ghal uzu personali, qal li hu kellu gia flus kontanti tieghu mieghu. Dwar il-hwejjeg li nxtraw minn Gino Zammit it-Turkija, Vella qal li dawn il-

hwejjeg Malta qatt ma rahom . Jghid li l-hwejjeg rahom jinxtraw, jigu ppakkjati u jittiehdu Malahet fejn jigu mibghuta lejn Malta, pero' Malta qatt ma rahom. Dwar dan xehed li Gino qallu li kellu xi problem bihom ghax zammewhomlu l-Italja. Jghid li hu la ra l-hwejjeg u lanqas ha flusu lura.

Xehed ukoll Vella dwar iz-zewg tfajliet li hu u Zammit iltaqghu maghhom it-Turkija. Tkellem fuq ir-relazzjoni li hu bena ma' wahda minnhom, fuq iz-zmien li kienu qattghu maghhom u r-relazzjoni li nbniet bejniethom. Jghid li regghu iltaqghu ma' dawn l-istess tfajliet meta regghu telghu biex jixtru t-Turkija fix-xahar ta' Settembru. F'din l-okkazjoni maghhom mar ukoll certu Joe Debrincat. Hawn Vella reggha xtara parts tal-karozzi ghall-hanut tieghu kompletament minn butu mentri flimkien ma' Gino Zammit xtara wkoll hwejjeg. F'dan l-istadju Vella jghid li Zammit a kost ta' kollox ried igib Malta lil dawn iz-zewg tfajliet. Minhabba hekk marru ghand il-Konslu. Hawnhekk fuq instigazzjoni ta' Vella, Zammit anke semma l-flus li hadulu l-airport. Dwar dan il-Konslu qalilhom li fil-fatt fit-Turkija setghu idahhlu flus kemm iridu u forsi kienu sabuhom bciecen. Tant li allura l-Konslu wasal anke biex jistaqsi lil Zammit ghaliex la kien hekk ma identifikax lilu nnifsu mal-Pulizija Torka bhala membru tas-CID Maltija.

Anke f'dan ir-rigward, skond Vella, Gino Zammit rinfaccat mill-Konsul bit-tul taz-zmien necessarju bien jinhargu l-Visa ghat-tfajliet, reggha beda jsemmi li se jkellem nies influwenti Maltin, bhall-President ta' Malta, u fil-fatt irnexxielu jgib l-imsemmija visa f'gurnata meta l-Konslu kien qalilhom li almenu riedu gimgha biex jottjenuha. Xejn minn dak li xehed Joseph Vella ma ghandu jiftiehem illi fil-fatt l-akkuzat kien fil-fatt ottjena dan il-pjacir (enfazi tal-Qorti) ghax fil-verita' kien kellem lill-Eccellenza Tieghu.

Dwar dawn in-nisa Torok, Vella jghid illi fil-lista tal-flejjes (in parte) li rrediga u pprezenta bhala Dok JV4, ghax kien hu li hallas il-biljetti ghal Malta ta' dawn iz-zewg nisa, nizzel biss l-ispejjez ta' biljett wiehed cioe dak li uzat it-

tfajla ta' Zammit, ghalhekk eskluda l-ispejjez tal-biljett ta' l-ajru ta' dik li kienet it-tfajla li kienet qed takkompanja lilu.

Tkellem dwar iz-zjara ta' dawn in-nisa hawn Malta u l-flejjes li nefaq it-Turkija u Malta fuq din il-mara. Xehed li anke ittehdulu xi ritratti maghha, ghalhekk ikkonferma set ritratti esebiti mill-Ispettur Helga Debono, Dok HD folio 24, liema ritratti l-imsemmija Spettur kienet esebiet u xehdet li gew mehuda wara search minghand Gino Zammit. Dawn ir-ritratti, skond Vella, gew mehuda minn Gino Zammit u sehbitu.

F'dan l-istadju Vella anke xehed dwar il-fatt illi huwa kien tarraf lil bintu b'din ir-relazzjoni, anzi kif sejhilha hu, hbiberija, ma' din il-mara Torka, bla ma ta x'tifhem jew ammetta maghha x'intimita' ma' din l-estranea.

Kompla jixhed Vella dwar aktar flejjes li ta lill-akkuzat u hawn ghamel referenza ghal Dok JV7 (mhux JV6 kif fil-fatt jidher dokumentat fix-xhieda a folio 84). Xehed dwar l-ammont f'dollari Amerikani li sellef lil Gino Zammit biex jixtri l-mobiles, dwar Lm 2000 li silfu ghax minhabba separazzjoni personali minn mal-mara ghax kellu flusu ffrizati. Dwar din l-ahhar somma, nizzel anke fid-dokument bil-lapes il-lokalita' fejn breve manu huwa ghadda l-flus imsemmija ta' Lm 2000 lil Zammit.

Vella pprezenta wkoll dokument Dok JV6 folio 125 li juri accettazzjoni min-naha ta' certu Gino li ghandu jaghti lil Joseph Vella, lill-parte leza s-somma ta' Lm 6048. Dan id-dokument igib id-data ta' 9/11/2004. Diversi punti ghandhom jigu sottolineati dwar dan id-dokument aktar tard fl-original tieghu irtirat mill-espert Joseph Gaffiero allura wkoll formanti parti minn Dok JG. L-ewwel punt huwa d-data li jgib l-istess dokument, allura dan ovvjament jeskludi kwalunkwe flejjes li Joseph Vella allegatament ta lil Gino Zammit sussegwentement. Hemm eskluza s-somma flus li skond Vella, lil Zammit hadulu l-pulizija Torka kif ukoll ammonti ohra elenkati fid-dokument JV7 folio 126, redatt mill-istess Joseph Vella. Saljenti wkoll il-fatt illi meta pprezenta dan id-dokument, Vella mal-ewwel wera li ma kienx cert min kiteb l-kliem

miktuba fuq l-istess karta, cioe min per ezempju kiteb in-numru tal-karta tal-identita' ta' Zammit fuq l-istess dokument. Punt iehor saljenti fir-rigward ta' dan id-dokument huwa li ghalkemm skond Vella dan gie ffirmat minnu u minn Zammit, dan fil-fatt juri isem ta' Gino u firma li mhux decifrabbli ta' min hi!! Dan il-punt il-Qorti qeghda tissollevah in vista ta' dak li kkonkluda l-istess espert minnha nominat u dak li xehed aktar tard Vella meta ngunt mid-Difiza.

Vella kompla li hu ghar-raba' darba reggha mar lejn it-Turkija ma' Zammit, fi kliemu ghax emmen li Gino f'dan l-istadju kien se "jiskwerja" kollox mieghu (folio 90). Spjega Vella li meta Zammit kien irritorna lura mill-Moldovja kien qallu li kellu konsenja kbira ta' hwejjeg tax-xitwa gejja. Spjega Joseph Vella x'qallu f'dan ir-rigward Zammit.

"Importanti li tkun ghandna fl-1 ta' Dicembru ghax imbaghad ikun too late jekk ma jaslux il-hwejjeg dakinhar li dawn b'li ser taghtih il-mara issa ghax ser jaghmel is-separazzjoni, bil-flus li ser ibiegh mill-karozzi, peress li hu ceda l-post qallu ta' l-Imtarfa u l-mara ser taghtih il-flus minn fuqu u hu kien ser jiehu ta' Bugibba, kien ser ikollu ammont bizzejjed ta'flus issa fuq li ser naghtiha jien biex nigu square b'kollox. Biex hu jhallas kollox issa dan. Tlajna hemmhek it-Turkija u xtrajna" (folio 90-91).

Skond Vella anke f'din l-okkazjoni hallas din il-merkanzija mill-VISA tieghu, esebit allura dan l-istatement bhala Dok JV9 (folio 128 -131). Jispjega li f'din l-okkazjoni barra hwejjeg xtraw anke mobiles, tant li fuq dawn il-mobiles hallas anke d-dwana.

Ikkalkula Joe Vella li f'din l-istanza hareg madwar Lm 7000.

Anke fil-konfront ta' dawn il-hwejjeg skond Vella rrizulta li kien hemm il-problemi bl-importazzjoni taghhom. Fil-fatt Zammit kien qallu li kienu ntbaghtu biss nofshom. Pero' kien Vella li fil-fatt hallas, skond ix-xhieda tieghu, lil Air Cargo is-somma ta' Lm 1700, vide dokument esebit bhala

Dok JV10 folio 132. Spjega Vella li hu kien ipprotesta ghall-fatt li dan bhala hlas hareg fuq Zammit, pero' xehed li dan hallsu b'cheque mill-kont kurrenti li hu kellu mal-BOV Rabat Ghawdex.

Vella pprezenta wkoll dokument iehor, Dok JV11 a folio 133, redatt minnu li jirraprezenta l-hwienet li minnhom xtraw gewwa t-Turkija u l-ammonti minnu mhallsa. Dok JV 12, dejjem esebit minn Vella, huwa d-dazju mhallas minn fuq il-mobiles, gia msemmija. Dok JV13 juri ammont ta' flus li Vella fuq direzzjoni ta' Zammit baghat ghand id-ditta Albertina anke dawn il-flejjes kienu ta' hwejjeg li ma nxtrawx minn Vella skond il-konoxxenza tieghu, tant li xehed li f'dak il-perjodu fejn marru jixtru l-hwejjeg ma kinux ordnaw hwejjeg minghand din id-ditta, pero' Zammit kien inducih jibghat dan l-ammont bhala deposit fuq xoghol iehor.

Ipprezenta wkoll delivery note Dok JV 14a li hija wkoll mahruga fuq Gino Zammit. Anke hawn hallas hu, cioe Vella nonostante l-protesti tieghu. Dan kien qed jigri ghaliex ix-xoghol kien qed jigi mpurtat fuq Gino Zammit. Anke f'din l-istanza skond Vella hass li gie ngannat in kwantu huwa hallas ammont sostanzjali ta' flus u nghata biss zewg kaxex f'merkanzija. Fil-konfront tal-hwejjeg li Vella kien ihallas ghalihom, dan xehed li kien jaghmel hekk ghax dejjem emmen li kien hemm qliegh fihom skond ma kien jghidlu Zammit.

Joseph Vella xehed ukoll kif f'din l-istorja spiccat zifnet ukoll bintu, allura l-parti leza l-ohra Maria Sciberras. Din Maria kellha problema fiz-zwieg ghalhekk in kwantu Zammit kien pulizija tas-CID, skond Vella, dahhal fin-nofs ghax zewg Maria ma kienx jaghtiha manteniment. Ghalhekk skond Vella, Zammit ghamel ricerka fuq il-pozizzjoni finanzjarja ta' zewg Maria Sciberras. Mir-ricerka li ghamel Zammit, Vella xehed li nfurmah li Sciberras kellu deposit box gewwa l-HSBC. Ghalhekk avza lil Vella li biex jara l-kontenut ta' din id-deposit box, hu kellu bzonn il-flus biex ixahham xi nies. Talbu Lm 4000. Vella tahomlu. Vella rrakkonta kif Zammit f'din il-

procedura tar-ricerka fuq id-deposit box dahhal fin-nofs Spettur, certu Spettur Darmanin.

Ghalhekk meta Vella ghadda lil Gino Zammit is-somma ta' Lm 4000 fi flus kontanti, kien hemm prezenti bintu, l-istess Zammit u l-imsemmi Spettur. Kompla jixhed li wara dan Gino qallu li kien dahhal rapport ta' flus foloz lil CID fil-konfront tal-kontenut ta' din id-deposit box. Qallu wkoll li f'din il-kaxxa nstabu tlettax-il pakkett f'boroz, xi deheb, xi ritratti ta' tfajla, kien hemm ukoll f'dan id-deposit box borza maghluqa b'incira. Dan gara f'Ottubru 2004. Ghalhekk, xehed Vella li meta flimkien ma' Gino kien it-Turkija f'Novembru, Zammit kien ta' spiss icempel lill-Ispettur biex isaqsih meta Maria kienet se tkun tista' tohrog il-flus mid-deposit box. Skond Vella darba li saru jafu minghand l-akkuzat li zewg Maria kellu f'din id-deposit box Lm 73,000, bintu anke sselfet flus biex tghaddihom lill-Ispettur, ghal aktar tixhim, minghand habiba taghha certu Antonia. Vella jghid li f'dan l-istadju hu hass li ma kellux johrog flus aktar anke biex jghin lil bintu.

Vella xehed ukoll li l-pjan ta' Gino kien li jakkuza lil Jean Paul Sciberras, zewg Maria bi prostituzzjoni, biex b'hekk dana jigi arrestat u Maria tkun tista' tiehu l-flus imsemmija.

Qal li l-ewwel somma ta' Lm 4000 ghaddewha lil Gino u lill-Ispettur x'imkien hdejn l-Ocean Pub gewwa Bugibba. It-tieni Lm 5000 li Maria Sciberras allura gabet minghand il-habiba, tawhomlu, anke din id-darba fil-prezenza ta' Maria u l-Ispettur hdejn il-knisja tal-Qawra. Jghid Vella li f'din l-okkazjoni Gino kien ittardja u kien gie liebes flokk imqattgha. Kien qallhom li kellu jmur xoghol Santa Lucia jarresta xi Gharab li spiccaw issaraw mieghu.

Xehed ukoll Vella dwar rikatti li kien jircevi minn perunsa femminili, li skondtu kienet il-habiba ta' Zammit, rikatti koncernanti r-ritratti tieghu mat-tfajla Torka, rikatt fis-sena li kienet se tmur Ghawdex bir-ritratti u tmur ghand il-familja tieghu. Dan ir-rikatt skond Vella wasallu meta hu mxebbgha minn din is-sitwazzjoni ma' Zammit anke wara li kif gia riprodott kien irceva ftit merkanzija ghal flus li hallas, wara li sar jaf illi mhux vera Zammit kif kien qallu

kien mizzewweg ghand certu Savona, ta’ l-Automart u anke li setgha ma kienx parti mis-CID, hawn issa afflitt b’rabja kbira ghax emmen lil Gino Zammit kien qed jigdiblu, mar jiggieled ma’ Coleiro talli laqqghu ma’ Zammit u kellu ntenzjoni jmur jaghmel rapport id-Depot.

Fil-fatt Vella xehed li hadha kontra l-habib tieghu John Coleiro tant li akkuzah li kien komplici ma’ Zammit, la kien hu li laqqghu mieghu, u anke talbu somma ta’flus  a saldu ta’ dak li kien ta lil Zammit.   Xehed ukoll Vella li fil-fatt ma kienx mar id-Depot, ghax bintu Maria kienet cemplitlu u avzatu li jekk kien se jaghmel hekk, Gino Zammit kien se jaghmlilhom vendikazzjoni.

In kontroezami Joe Vella xehed illi darba t-Turkija huwa kien joqghod gewwa l-Grand Asian Hotel u kien ihallas Lm 150 tal-kamra kuljum fejn din il-habiba giet qattghet siegha fil-kamra mieghu, cioe l-habiba Torka b’isem Angelica.  Innega li hu qatt baghat 1000 dollaru bil-Visa lil din il-mara ma’ Gino.    Mistoqsi wkoll min kien ihallas meta kien johorgu jieklu, wiegeb li kien ikun hu, pero’ nsista li dan il-hlas qatt ma nizzlu fuq il-kont tal-flus li kellu jaghtih l-akkuzat.    Ikkonferma li hu lil din it-tfajla gieli ta xi flus pero’ innega li qatt talbitu flus hi.    Mistoqsi kemm taha flus, wiegeb kemm fettilli, anzi kkalkula li b’kollox ta cirka Lm 200 f’erbat ijiem.  Ikkonferma li xtralha mobile versu l-prezz ta’ Lm 150, li ikla bejn erba’ kienet tigi xi Lm 60, ikkonferma li hallsilha l-prezz tal-biljett tal-vjagg lejn Malta, ikkonferma li kien hemm okkazjoni fejn ikla bil-lobsters giet Lm 120, ikkonferma li bejnu u bejn Gino hallsu l-passagg ta’l-ajru ta’ Joe De Brincat u li lil dan hu sellfu Lm 200.    Innega li hu qatt qal lil bintu li kellu relazzjoni intima ma’ din Angelica nonostante li kien qalilha li kien habib sew ma’ din il-mara.  Ikkonferma li hu kien semma’ lil Angelica mal-familja tieghu pero’ mhux li wriehom in-natura vera  tar-relazzjoni tieghu maghha.

Joseph Vella anke reggha ttella’ jixhed fuq dokument minnu esebit bhala Dok JV6 li huwa dik l-iskrittura privata li giet ezaminata mill-espert Joseph Gaffiero.   Dwar dan id-dokument Vella xehed li dan kien ittappjah ibnu Manuel.  Mistoqsi min kiteb fuq dan id-dokument Vella

kien fil-bidu nsistenti li kiteb fuqu l-akkuzat, anzi jghid li Gino iffirmalu biss. Spjega wkoll i Gino fil-fatt iffirmalu bil-pinna wiefqa tant li qal Vella li kien qisu qed jarah jaghmel il-firma dak il-hin stess. Jghid f'dan ir-rigward:

"Minn dak kollu l-firma biss ghamel hu. Il-biro zammha wieqfa hekk min-naha ta' fuq u ghaggilha hekk. Ghadni qed narah issa". (fol 327).

Joseph Vella pero' ma kienx cert min bejnu u bejn ibnu Manuel kiteb in-numru li jidhru fuq id-dokument imsemmi pressat bid-domandi tad-Difiza. Spjega pero' li din l-iskrittura parti mtliet Ghawdex minn ibnu u parti minnu quddiem l-istess Zammit Malta. Senjalament Joseph Vella nonostante li gie sfidat mid-Difiza bil-konkluzjonijiet ta' l-espert Joseph Gaffiero baqa' nsistenti ghall-fatt li Gino Zamit iffirma d-dokument in kwistjoni.

Dwar l-istess dokument Joseph Vella gie mistoqsi ghal darba tnejn mid-Difiza wkoll minn fejn gab il-mobile number ta' Gino li stqarr li gia kien jaf. Pero' fir-rigward tan-numru ta' karta tal-identita' xehed li dan tahulu Gino Zammit innifsu.

Il-parti leza l-ohra hija Maria Sciberras li xehdet li taf lil Gino Zammit bhala pulizija tas-CID. Qalet li l-ewwel darba li ltaqghet ma' Gino kienet flimkien ma' missierha u De Brincat. Hawn Gino kien offra li jghinha stante li kien jaf li kellha problema ma' zewgha, tant li kien anke lest jiftah hanut tal-hwejjeg maghha. Tghid fil-fatt li kien hu li fil-mobile phone book taghha kiteb Gino Police. Kien fil-fatt fi kliemha l-akkuzat li ssuggerilha li zewgha kellu flus il-bank. Tghid li ftit wara li missierha u Gino rritornaw minn safar, Gino kien cemplilha u nfurmaha li kien sab deposit box f'isem zewgha fil-fergha tal-HSBC Ghawdex. Kien Gino li qalilha li kien tkellem ma'l-Ispettur ta' fuqu li xtaq jiltaqa' maghhom dwar il-kontenut ta' dan id-deposit box.

Xehdet anke li Gino kien anke jghidilha li jekk zewgha kien jerfa' jdejh fuqha hu kien iwaddbu gewwa, tghid din

ix-xhud li b'dan id-diskors kien fil-fatt impressjonaha. Fil-fatt Gino laqqaghha ma' dan l-Ispettur li ndikalha li stante n-natura tax-xoghol li kellu jsir, cioe tinfetah id-deposit box, din kienet tinkorpora xi hlas ta' flus. Kien Gino li ghalhekk cemplilha u nfurmaha li l-Ispettur u shabu riedu s-somma ta' Lm 4,000. Tghid Sciberras li dawn il-flus gabrithom bl-ghajnuna ta' missierha u hutha. Ghalhekk Gino Zammit reggha rranga laqgha ma' dan l-Ispettur. Iltaqghu hdejn l-Oceanic Pub gewwa l-Qawra. Tghid li Gino kien bl-Izuzu tieghu mentri l-Ispettur gie bil-mixi bil-wallet taht idejh. Tat anke deskrizzjoni fizika ta' dan l-Ispettur. Qalet li l-Ispettur dahal flimkien ma' Gino fil-vettura ta' missierha, kif ghamel hekk Gino hareg par manetti minn gol-but u qeghdhom fuq is-seat, waqt li qal lilha li dawn ma kien imur imkien minghajrhom ghax kien dejjem lest li jixxokkja lil xihadd bihom. Qalet ukoll li kien missierha li ta l-flus mitluba f'idejn Gino, u Gino ghaddihom lill-Ispettur Darmanin. Ghalhekk aktar tard Gino reggha cemplilha u qalilha li kienu fethu s-safe deposit u hemm kienu sabu tlettax-il borza mimlija bi flus, envelope kannella ssigillat u ritratti ta' xi mara, inkluz xi deheb bhal per ezempju "broken heart", hawn skond l-istess xhud giet ssuggerita lilha storja minn Gino li dawn kienu rigali li zewgha kien jircevi minghand it-tfajla tieghu.

Kompliet illi darba li issa waslu ghal kwistjoni ta' kif Sciberras kellha tohrog dawn il-flus mis-safe deposit box, kienu iltaqghu hi, Gino u Joseph Vella (missierha) jieklu gewwa Chinese restaurant. Kien hawn li Gino ssugerixxa illi biex Maria takkwista l-flus bil-fors kellha thammeg ir-ragel taghha. Issugerilha li jwaddablu gramma coke fil-but, Sciberras pero' pprotestat ghal din l-idea galadarba ex admissis ghaxar snin ilu hi kellha problema ta' droga li harget minnha b'success permezz ta' programm gewwa l-Oasis. Allura Gino skond Sciberras kellu jkellem lill-Ispettur Darmanin biex tissoleva din il-problema u nholqot l-idea li jakkuzawh bi prostituzzjoni bl-ghajnuna ta' zewg nisa Russi. Oltre dan fil-konfront ta' l-ammont ta' flus li kien hemm fis-safe deposit box, skond l-Ispettur Darmanin, kien hemm is-somma ta' Lm 73,000. Meta Sciberras irceviet din it-telefonata minghand Darmanin, xehdet li dan kien fiz-zmien li missierha u Gino kienu

regghu msiefrin. Stante l-ammont misjub l-Ispettur Darmanin talab aktar flus lil Sciberras nonostante l-protesti taghha, li hi kellha erba' ulied x'titma u ma kellhiex mezzi ohra finanzjarji. Darmanin, l-Ispettur, talabha Lm 6000 ohra!! Tghid Sciberrsas li cemplet mal-ewwel lil missiehra (dan bhal issa msiefer ma' l-akkuzat). Tghid li Gino, waqt li kienet qed tkellem lil missierha, ha l-mobile hu, u bezbizha ghaliex kienet tkellmet ma' missierha li kienet se titlob dawn il-flus lil habibitha, allura ghaliex kienet qed tpacpac ma' haddiehor. Tkompli Sciberras li fil-fatt talbet u nghatat dan l-ammont ta' flus lilha mitluba minghand habibitha Antonia Antonov. Ghalhekk flimkien ma' missierha regghu telghu Malta u ltaqghu ma' Gino u reggha gie l-Ispettur Darmanin bil-mixi u Gino reggha tah il-flus li sintendi kien irceva minghand Sciberras u missierha. Hawn l-Ispettur Darmanin beda jfissrilhom kif kien se jaghmel biex jarresta lil zewg Maria b'uzu ta' zewg nisa Russi li kellhom 'jiffirmaw' (folio 250), li zewgha gabhom Malta u kien qieghed juzahom ghall-prostituzzjoni. Dwar dan Sciberras qalet li kkonsentiet b'certa rizerva ghax kellha bzonn il-flus nonostante li kienu qed jitkellmu fuq missier uliedha u li lil zewgha kienet ghadha thobbu. Ftehmu ghalhekk li dan ix-xoghol min-naha ta' l-Ispettur kellu jsir is-Sibt u hi kellha tiehu d-deposit box sat-Tnejn ta' wara. Anke nghatat direzzjonijiet ta' kif kienet se tavvicina lil manager tal-bank (li kien suppost imdahhal f'din il-bicca xoghol) biex tiehu din il-kaxxa. Giet imwiddba wkoll li tiftahx halqha ma' hadd.

Wasal il-gurnata tal-gimgha miftehma u tghid Sciberras li reggha cemplilha Darmanin fejn qalilha li ma kien se jigri xejn minn dak ippjanat ghax wahda mir-Russi ddahhlet l-isptar bi qtugh ta' nifs, ghalhekk il-pjan gie differit ghall-gimgha ta' wara. Waslet din il-gurnata, reggha cemplilha Darmanin, din id-darba nfurmaha li kien hemm xi problem ghax ir-Russi issa kienu qeghdin jibzghu li x'hin jiffirmaw kienu se jitkeccew minn Malta ghalhekk riedu li jithallsu minn qabel. Xehdet Sciberras li hawn hi rrabjat ma' Darmanin u haditha mieghu. Xehdet li wara xi kwarta cemplilha Gino bhala ntermedjarju u weghda li se jkellem lir-Russi, pero' dan skondtu ma sewa xejn, hi anke

haditha ma' Gino Zammit. F'dan l-istadju tghid li Gino issa qalilha li dana l-Ispettur setgha jittradiha billi jmur ghand zewgha jghidlu b'kollox, jitlob is-somma lilu u jdur kollox kontriha u tispicca hi l-habs. F'dan l-istadju Sciberras u Gino spiccaw hazin verbalment. Aktar tard tghid li reggha cemplilha dana Gino fejn qalilha skond hi hekk:

"Maria qalli nkwiet kbir gej fuqkom. Qalli Maria, qalli missierek qieghed Malta... qalli missierek telgha Malta, mar hdejn Johnny Coleiro u talbu ammont ta' flus. Qalli issa kieku mhux qed jitlef missierek qalli taf x'ser jaghmel issa? Qalli fis-1.30 p.m. sejjer id-Depot biex jaghmel rapport. Qalli pero' hazin se jaghmel xbin. Qalli dawk il-flus missierek tahom lil wahda Maldovjana biex jaghlqilha halqha ... Inkissirkom qalli"(folio 255-256). F'din il-konverzazzjoni li xehdet fuqha Sciberras, skondtha Zammit anke heddidha li kellu jmur Ghawdex b'ritratti jurihom lilha, ta' missierha allura ma'din il-Maldovjana.

Tiddeskrivi Maria Sciberras fix-xhieda taghha kif hi keshet ghal dan id-diskors. Cemplet lil missierha li qalha li qieghed il-Furjana u bdiet tinsisti mieghu biex jirritorna lura Ghawdex u ma jmur imkien. Tghid li bil-bizgha li qabadha dahlet anke tirrimetti fit-toilet. Hawn reggha cemplilha l-mobile, rega' kien Gino li ried ikun jaf jekk kinitx waqqfet lil missierha fil-pjan tieghu. Tghid li hawn kienet hi li heddet lil Gino jekk kien jigri xi haga lill-familja taghha. Xehdet li l-ahhar diskors li qalilha Gino kien li jekk misserha ma jmurx l-Ghassa ma kien se jigrilhom xejn (fol 257).

In kontro ezami Sciberras iddeskriviet lil missierha bhala bniedem 'too good'. Qalet ukoll li tul dak li xehdet li dejjem emmnet f'Gino Zammit in kwantu kien puliziija tas-CID, tant li lanqas qatt ma hasset il-bzonn li tindaga fuqu ma' l-Avukat li kienet qeghda tassistiha fis-separazzjoni personali minn ma' zewgha. Xehdet ukoll li missierha kien qalilha li kellu hbiberija ma' mara barranija li kienet tmexxih fil-business pero' minn kliemha eskludiet li din ir-relazzjoni marret oltre dan, nonostante li kienet anke taf minn misserha li din il-mara kienet anke marret Ghawdex.

Fil-fatt Sciberras tul ix-xhieda taghha in kontro ezami zammet ferm mat-tezi taghha li ghal missierha din il-mara kienet biss habiba. Dwar il-fatt li kienet accettat biex tiehu l-flus tas-safe deposit box u li tiffrejmja lil zewgha, wiegbet illi dan ghamlitu ghaliex afdat lil Gino Zammit tas-CID u lill-Ispettur Darmanin. Mistoqsija ghala qatt ma vverifikat xejn fuq dan Darmanin, wiegbet li kien lejn l-ahhar li bdiet tinduna li qieghed jghaddiha biz-zmien. Dwar il-flus li kien hemm fis-safe deposit box u li kienet accettat li jigi fframjat zewgha qalet li hi verament xtaqet dawk il-flus, pero' riedet li zewgha ma jkollux sentenza twila, dan ghax kienet temmen li dawk il-flus, zewgha seraqhom lil missierha stante li kien jahdem part time mieghu. Din kienet il-fehma taghha nonostante li missierha lilha qatt ma qalilha li nsterqulu xi ammont ta' flus versu Lm 70,000.

In korroborazzjoni ma' dak li xehdu l-parti leza ttellghu diversi xhieda ohra. Ghalhekk Joseph De Brincat xehed illi hu kien jaf lil Joe Vella ghax kien jixtri parts tal-karozza mighandu. Jghid li ma' Gino Zammit iltaqa' meta kien ma' Joe Vella u qallu li kellu jiltaqa' ma' bniedem tas-CID. Kienu marru ghand wiehed jismu Johnny (allura, ghalina John Coleiro) li wkoll ibiegh il-parts lejn il-Gzira/Sliema, u kien hawn li kien gie Gino Zammit biex jiltaq' ma' Joe Vella. Tkellem dwar is-safra li ghamel maghhom u li f'din l-okkazjoni kien hallaslu Joe Vella. Xehed ukoll dwar il-fatt li kien semgha lil Gino Zammit jitlob nofs il-flus lil Joe Vella biex ma jsibux problemi t-Turkija biex jghaddu bihom. Xehed li hu ra lil Vella jaghtih il-flus pero' ma kienx jaf l-ammont x'kien. Xehed li ssemmiet is-somma ta' elfejn liri Maltin. Dwar l-andament tal-btala gewwa t-Turkija, De Brincat xehed li gieli nzerta f'okkazjonijiet fejn Gino Zammit xtara xi affarijiet personali ghalih, li pero' hallashom Joe Vella, affarijiet bhal hwejjeg. Ikkonferma wkoll illi mar kemm ma' Gino u Joe flimkien il-Konsolat fit-Turkija biex jirrangaw il-Visa ta' zewg tfajliet. Xehed ukoll dwar il-pjacir li talbu Zammit ghall-habib tieghu Spettur, biex isiblu farmhouse f'Ghawdex. Ikkonferma wkoll li meta marru jhallsu din il-farmhouse, marru hu, Gino u Joe Vella u li l-hlas affettwah Joe Vella, quddiem ix-xhud.

Ikkonferma li t-Turkija ma’ Zammit u Vella mar fix-xahar ta’ Settembru.

John Coleiro xehed illi huwa kien jiggestixxi kumpanija gewwa l-Gzira u li kien jaf lil Gino Zammit ghax kien klijent tieghu. Anke Joe Vella kien klijent tieghu in kwantu bhala wholesaler kien ibeghlu x-xoghol. Dwar ir-relazzjoni tieghu ma’ Vella ikkonferma li kien hu li kien fil-fatt laqqgha lil Vella ma’ Zammit minhabba li hu u Zammit kienu sejrin lejn it-Turkija biex jixtru xi hwejjeg u affarijiet tal-karozzi u Vella thajjar li jmur maghhom, pero’ qabel ried jiltaqgha ma’ Zammit stante li ma kienux jafu lil xulxin. Fil-fatt dan l-inkontru sar il-Gzira fil-hanut ta’ Coleiro. Spiccaw li Coleiro, l-akkuzat u l-parte leza Vella siefru flimkien, it-Turkija u l-Bulgarija.

Dwar Zammit, Coleiro xehed li jaf li hu pulizija, dan ghax qalu l-istess Zammit. Anzi zied dan ix-xhud li kien Zammit stess li ntroduca lilu nnifsu bhala pulizija tas-CID. Anzi l-istess xhud baqgha jinsisti li sakemm kien qed jixhed kien ghadu ma jafx li Gino Zammit ma kienx fil-fatt pulizija tas-CID. Tant kien konvint Coleiro mix-xoghol ta’ Zammit li sahansitra xehed, b’certu reticenza, li l-ex gharus ta’ bintu kellu incident meta hadlu l-mutur mill-garaxx li kien bla licenzja, u Coleiro kien cempel lil Gino, allura fil-kapacita’ minnu dikjarata, biex jara jirrangalhiex xihaga.

Dwar it-tghajjir li qalgha minghand Vella, John Coleiro xehed li dan mar jghajru gol-hanut, talbu Lm 12,000 u jinsa kollox dan wara li beda l-inkwiet ma’ Zammit, ghax Vella kien qed jahseb li kien in kollaborazzjoni mieghu. Ikkonferma wkoll Coleiro li hu kien silef lil Zammit is-somma ta’ Lm 1600 pero’ xehed li dan kien tahomlu lura kollha. Innega li Gino Zammit qatt qallu li kien pulizija ta’ l-armata anzi rrakkonta storja fejn darba Zammit cempillu t-telefon u qal lil Coleiro li kien se jkollu jallontana ruhu ghaliex kien cempillu l-Ispettur.

In difiza kkonferma li darba t-Turkija kien hemm xi nisa mdahhlin, tkellem li anke Joseph Vella kien ikun go clubs u jonfoq bhal kulhadd, pero’ dan ix-xhud ma kienx

f’pozizzjoni jixhed dwar kemm kien nefaq flus dan Vella waqt din il-btala.

Xhieda ohra tal-Prosekuzzjoni kien jikkoncernaw l-impieg ta’l-akkuzat li kif jirrizulta mix-xhieda prodotto kien jipprezenta ruhu bhala pulizija addett ma’ l-iskwadra tas-CID. Ghalhekk thalla jixhed PC 128 Joseph Farrugia li qal li l-akkuzat ma kienx u mhux membru tal-Korp tal-Pulizija Maltija (fol 223).

Captain Joseph Debono, Kaptan ma’ l-Armata Maltija xehed illi Zammit kien gunner mal-Forzi Armati dahal fl-AFM fid-29/11/95 u gie mkecci mis-servizz fil-21 ta’ Frar, 2005. It-tkeccija tieghu kienet fuq sick leave ripetut u official warnings moghtija fuq azzjonijiet dixxiplinari. Elenka l-istess Kaptan lista twila ta’ charges li kellu kontra l-istess Zammit (folio 227). Dwar il-post ta’ military Police, ix-xhud qal li as such tali rwol fl-armata m’hemmx pero’ konferma li Zammit kien jaghmel xoghol ta’ regimental Police fil-Headquarters, dana ghal tliet snin. Spjega li dan ix-xoghol kien jikkonsisti fil-kontroll tan-nies li jidhlu u johorgu mill-barracks. Emfasizza d-differenza bejn dak li kien ix-xoghol ta’ Zammit cioe il-kontroll tad-dhul tan-nies gol-barracks cioe regimental police u dak li kien ix-xoghol ta’ security police, xoghol fejn tkun addett ma’ postijiet strategici bhal Ambaxxati u Kastilja. Xehed ukoll li Zammit qatt ma ghamel kors ta’ regimental police stante li biex tkun hekk kien jinhtieg li taghmel kors appozitu.

Qal anzi dan ix-xhud lil Zammit “Tefghuh hemmhekk biss just kemm jikkontrolla n-nies dehlin u hergin” (fol 360).

Dwar it-tkeccija tieghu reggha spjega li dan kien minhabba sick leave fit-tul u li ma jinstabx id-dar meta jzuru d-duty officer, li kellu tliet official warnings, tant li anke nzammitlu l-inkrement tal-paga.

Xehed ukoll Captain John Pisani li xehed dwar kif Zammit kien irrangalu biex jitla’ Ghawdex billi sablu post gewwa l-Gharb. Jghid dan il-Kaptan li hu ma kien jaf xejn dwar l-

arrangament tal-hlas pero' kien ta lil Zammit is-somma ta' Lm 120.

Ingabet tixhed ukoll certu Antonia Antonov u zewgha.

Antonia xehdet dwar il-fatt li kienet ilha ghoxrin sena habiba ta' Maria Sciberras, tkellmet dwar il-fatt li Sciberras kienet talbitha ssellifha Lm 5000, liema self gie affettwat. Sciberras kellmitha fuq certu Gino tas-CID u li hi riedet dawn il-flus biex dan Gino jaghtihom lil haddiehor, lil xi Spettur. Spjegat li Maria kienet ghaddejja dak iz-zmien minn diffikultajiet u li dan Gino kien qalilhom biex jghinhom li se jiccekkja jekk ir-ragel ta' Maria kellux flus il-bank.

Minghand Maria saret taf li dan 'ic-checking' sar u rrizulta li nstabu hafna flus. Qalet li skondtha Gino kien talabha lil Maria l-flus biex jaghtihom l-ispettur. Xehdet ukoll li skondtha dawn il-flus kienu mehtiega biex jithallsu xi nisa li taparsi Jean Paul, zewg Sciberras. kien qieghed imur maghhom u b'hekk Jean Paul kellu jigi arrestat.

Tkellmet ukoll dwar li saret taf bir-rikatt min-naha ta' Gino jekk il-familja ta' Maria u Vella kienet se tmur ghand il-Pulizija, dan ovvjament saret tafu minghand Sciberras.

Qalet li l-flus lil Maria tathomlha f'Novembru u lil l-Lm 5000 tathomlha f'daqqa.

Anton Petrov Antonov, zewg Antonia, ix-xhud appena msemmija kkonferma li martu kienet talbet il-kunsens tieghu biex issellef flus, Lm 5000, lil habibitha Maria Sciberras.

Xhieda ohra mressqa kienu certu Nazzareno sive Ronnie Zammit. Ikkonferma dan li hu kien iltaqgha ma' Gino Zammit meta dan kien fil-kumpanija ta' Joseph Vella. Jghid li dan Zammit kien qallu li kien pulizija tas-CID. Offrielu anke li jghin f'din il-kapacita', tant li dan ix-xhud tkellem mieghu fuq cheqes ta' habib tieghu li bbouncjaw u Zammit qallu li kellu jghaddihomlu.

Xhud iehor mressaq kien certu Randu Zammit. Dan ukoll ikkonferma li Gino meta mar ghandu biex jikri hanut anzi fond biex jintuza ghal hanut, kien irefera ghalih innifsu bhala s-Sur Gino, pulizija tas-CID.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tipproduci x-xhieda mtella' minn Gino Zammit in difesa jihtieg li taghmel referenza wkoll ghal dokument esebit mill-Ufficjal Prosekutur ta' dak iz-zmien l-ex Spettur Helga Debono Dok HD2 li huwa skrittura privata bejn certu Gino Zammit u terzi, liema dokument huwa skrittura ta' kirja. Saljenti f'dan id-dokument huwa l-fatt li dan Gino Zammit huwa riferut bhala Pulizija. F'dan ir-rigward ittella' jixhed certu Charles Sant li kkonferma l-kontenut ta' dan id-dokument, xehed li Gino Zammit xogholu kien xi haga fl-army pero' ikkonferma wkoll id-deskrizzjoni ta' impieg ta' l-istess Zammit kif tidher fuq din l-iskrittura, ta' pulizija.

Ghandu jigi rilevat punt iehor minn din il-Qorti kif irrizulta mill-atti u cioe ir-rapport ta' l-espert Joseph Gaffiero. Is-Sur Gaffiero fuq inkarigu ta' din il-Qorti ezamina d-dokument Dok JV6 li din il-Qorti gia ghamlet referenza ghaliha meta rriproduciet sintesi tax-xhieda' ta' Joseph Vella in difesa. Fid-dokument JG (fol 231) is-Sur Gaffiero kkonkluda illi ghalkemm il-kelma Gino, in-numru tal-ID 154664 u l-ammont ta' flus huma maghmula mill-istess id, il-firma li tidher fuq id-dokument mhux maghmula minn Gino Zammit. Anzi fl-ahhar sentenza jghid li l-firma li tidher taht il-kelma 'Gino' m'ghandha x'taqsam xejn mal-kampjuni li ghamel quddiemu Gino Zammit.

Gino Zammit innifsu ghazel li jirrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Investigattiv, ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti viva voce. Tella' wkoll diversi xhieda in difesa. Jigi premess f'dan ir-rigward li l-kontroezamijiet li saru x-xhieda tal-prosekuzzjoni gia gew rapportati in succint max-xhieda principali kif hawn fuq riprodotta (ukoll in succint). L-istess japplika ghax-xhieda in difesa li ta Joseph Vella.

Fl-istqarrija tieghu Gino Zammit (esebita bhala Dok HD3 folio 31-34), innega kull allegazzjoni maghmula kontra tieghu kif gia riprodotti kemm minn Joseph Vella kif ukoll

minn Maria Sciberras. Qabel mal-fatt li hu kien mar it-Turkija ma' Coleiro, Vella u De Brincat pero' skondtu barra ghan-negozju biex jiddevertu man-nisa. Ghalhekk innega li hu qatt ha flus minghand Vella b'self jew b'qerq, li pprezenta ruhu bhala membru tas-CID, li qarraq b'Maria b'ghajnuna ta' Spettur, li qatt ghamel xi forma ta' rikatt fuq il-familja ta' Vella anke bl-uzu ta' ritratti. Insista li jekk Vella naqsulu xi flus dan, ghax kien tahom lit-tfajla li jisimha Angelica Pinzaru ghax kien iffissha fuqha.

Viva voce spjega li hu sar jaf lil Joe Vella tramite John Coleiro meta huma kienu se jmorru t-Turkija ghal btala u Coleiro stqasih jistax jgib mieghu dan il-habib Joe Vella. Ghalhekk iltaqghu hdejn il-hanut ta' Coleiro.

Spjega Zammit li hu t-Turkija kien jitla' ta' spiss, kwazi kull xahrejn biex jixtri hwejjeg. Jghid li gieli xtara wkoll affarijiet ta' karozzi, air fresheners u key chains.

Fil-fatt Zammit xehed li hu ilu f'dan in-negozju mis-sena 1999, cioe li jgib il-hwejjeg u jbiegh lil haddiehor, esebixxa ghalhekk diversi kuntratti ta' dan ix-xoghol.

Spjega li kif sar jaf lil Joe Vella saru hbieb mal-ewwel, tant li ma l-ewwel marru flimkien tas-Sliema jiddevertu bhala "guy" irgiel. Spjega li dak iz-zmien hu kien jahdem fl-army bhala regimental police.

Qal li marru kemm it-Turkija kif ukoll il-Bulgarija u dan dejjem bi skop ta' divertiment. Kien issellef is-somma ta' Lm 1851 minghand John Coleiro biex b'hekk xtara xi merkanzija biex martu ma tihux l-impressjoni li marru jiddevertu. Jghid li sar aktar hbieb ma' Vella stante li Coleiro beda jiccajta mieghu li se johodlu l-interessi fuq is-somma msellfa.

Spjega li d-divertiment taghhom kien li jmorru d-discos, hemm jiltaqghu mal-prostituti, jixorbu u mbaghad jispiccaw il-lukanda ma' dawn in-nisa.

Xehed ukoll illi Joseph Vella f'din il-btala kien nefaq hafna flus. Tant saru hbieb Vella u Zammit li ritornati mill-btala

ltaqghu gewwa l-Al Bar u jghid Zammit li kien Vella li offrielu li jsellfu l-flus li kellu jaghti lil Coleiro. Jghid li baghthomlu b'cheque minn Ghawdex. Regghu ftehmu li jergghu imorru t-Turkija flimkien, fejn Vella kien gia ltaqa' mat-tfajla tieghu. Din id-darba marru Zammit, Vella u habib tieghu De Brincat. Spjega li kienu joqghodu go l-Orient Hotel, pero' meta kienu jkunu ma' dawn in-nisa kienu jmorru go lukanda ohra. Qal li dawn l-erbat ijiet qattaghhom billi gawdew ma' dawn in-nisa, johorgu maghhom, imorru gol-lukanda, jieklu lobsters gewwa restaurants, Zied li Joseph Vella lil din it-tfajla xtralha gakketta, mobile, cioe nefaq hafna flus fuqha bhal per ezempju Lm 150 tal-kamra. Xehed li Vella kien jigbed il-flus mill-Cashlink biex jaghtihom lit-tfajla tieghu kemm quddiemu kif ukoll quddiem it-tfajla kurrenti tieghu Natalie Carus. Tkellem ukoll fuq il-coat li Vella xtara lil din il-mara dan versu l-prezz ta' 2500 dollari.

Xehed ukoll li lil dawn in-nisa hu u Zammit gabuhom Malta, krewlhom post gewwa tas-Sliema u ghamlu ghaxart'ijiem igawdu maghhom tant li kienu johorgu lil dawn in-nisa kuljum f'restaurants bhal Tal-Familja u La Favorita. Jghid li f'dan id-divertiment kien Joe Vella l-izjed li hallas, inkluz il-kont ta' l-istess Zammit u l-girlfriend tieghu. Jiddeskrivi lil Joseph Vella bhala bniedem galantom hafna.

Xehed li min-naha tieghu ir-relazzjoni mat-tfajla tieghu Natalie Carus issudat tant li din it-tfajla kienet tghix mieghu u kellhom tarbija ta' disa' xhur. Min-naha tieghu Joseph Vella skond Zammit, spicca ffissa fuq it-tfajla tieghu tant li hu kien jaghtiha l-flus ghal kull skuza li din kienet tivvinta, per ezempju minhabba ommha.

Darba li dawn it-tfajliet Torok telqu minn Malta skond Zammit, hu u Vella regghu telghu lejn it-Turkija ghat-tielet darba bies jiltaqghu magghom. Wara min-naha taghhom dawn regghu nizlu lejn Malta. Spjega li darba t-Turkija regghu nefqu kif qal qabel, kif ukoll illi qattghu kwazi kull hin mat-tfajliet tant li hallew ftit hin ghax-xiri ta' merkanzija, dan biex il-familji ma' jahsbux hazin fihom.

Xehed li meta mar il-Moldovja u Joseph Vella ma telghax mieghu ghax kien ma jiflahx, lit-tfajla tieghu baghtilha mieghu envelope mimli flus, li din Angelica ftehet quddiem l-istess Zammit. Aktar tard, skond Zammit, fuq talba ta' Angelica, Vella anke baghtilha 1000 dollaru ohra fuq il-Visa ta' l-istess Zammit.

Dwar Maria Sciberras jghid li ltaqa' maghha meta kien ma' missierha u De Brincat. Xehed ukoll illi Vella kien jwiddbu li ma jinkixifx quddiem bintu dwar l-ezistenza tal-habiba, cioe Angelica. Xehed ghalhekk li Vella kien joqghod ferm attent biex ma jinqabadx minn familtu. Irrakkonta wkoll sitwazzjoni fejn certu Marco Rossi (xhud in difesa) beda qisu jiddiehek b'Vella ghax dan beda jinkwieta kemm nefaq flus fuq din it-tfajla. (Fatt dan pero negat mill-istess Rossi meta ttella' jixhed bhala xhud in difesa).

Mistoqsi jekk kienx jaf bil-problemi li kellha Maria Sciberras, wiegeb fin-negattiv hlief ghal dak li kien jghidlu l-istess Joe Vella.

Innega li hu ffirma d-dokument JV6 gia msemmi, anzi ppuntwalizza li n-numru tal-karta tal-identita' li tidher fuqu ma kinitx tieghu.

Dwar dak li gara lil Joe Vella, cioe dwar kif iddeterjorat il-hbiberija ta' bejniethom, Zammit kien insistenti li din grat minhabba t-tfajla Angelica. Xehed li dan gara meta Angelica ghat-tieni darba li kienet hawn Malta, regghet talbitu l-flus quddiem Zammit, dan wegibha li kellu xi ftit problemi u skond Zammit Angelica bdiet tinbidel minn ma' Vella. Dan id-diskors Gino Zammit jghid li sar quddiemu. Xehed li din bdiet anke ccempel lil Joe kontinwament u dan ma jwegibhiex. Hawn din it-tfajla keinet qeghda tghix ma' Zammit u t-tfajla Moldovjana tieghu, ghalhekk l-akkuzat talabha tirranga l-affarijiet taghha ghax ma setghax izommha izjed, din telqet lura lejn pajjizha. Skond Zammit, kien minn hawn li Vella beda jaqta' minn mieghu ghax skondtu, l-parte leza beda jahseb li Zammit naffru minn mat-tfajla.

Innega li hu qatt irceva jew ha flus minghand Vella, ghajr ghas-self imsemmi u l-flus tal-farmhouse li kien issalda f’cash. Dwar il-fatt li hu kien pulizija, baqgha nsistenti li fil-fatt hu kien Regimental Police u li qatt ma mposta ruhu bhala membru tas-CID jew semma xi Spettur.

Dwar it-tkeccija tieghu mill-armata, in kontro ezami kien reticenti jaccetta r-ragunijiet ta’ tali tkeccija, kif moghtija mi-xhud il-Kaptan Debono, irraguna li fl-Armata taqla’ charge anke jekk ma toqghodx dritt!! Kwazi kwazi mera anke x-xhieda tal-Kaptan Debono stante li dan, lanqas kien jaf fi kliem Zammit, li kien Regimental Police l-ewwel darba li tela’ jiddeponi. Wiegeb li kien normali li fl-Armata jkollok hafna reati addebitati lilek!! Dwar id-dok HD fejn huwa mnizzel bhala pulizija in kwantu xoghol, baqgha nsistenti li hu kien pulizjia ta’l-army, military police.

Innega li hu rceva xi flus minhabba Maria Sciberras. Ikkonferma li zamm ir-ritratti ta’ Vella ma’ Angelica pero’ dam fuq insistenza ta’ Vella biex ma jinqabadx mill-familja.

Dwar il-claim li avvanza kontra tieghu Vella, Gino xehed li dan gara biex Vella ma jinqabadx li nefaq dawk il-flus kollha, fuq Angelica, ghax bintu riedet tkun taf fejn marru l-flus ta’ missierha. Fil-fatt f’dan il-konfront jghid li din hija wahda mill-ftit drabi li kkomunika ma’ Sciberras bit-telefon. Jghid li minhabba hekk, cioe biex Vella jghatti sturu, hu gie ngustament arrestat.

Ghandu jigi rilevat ukoll illi Gino Zammit issikkat mill-parti civile ammetta wkoll li f’okkazjoni minnhom kien irceva telefonata minghand Joseph Vella li talbu l-flus waqt li qallu li kien ghand il-konsulent legali tieghu. Gie ssuggerit lil Zammit li fil-kors ta’ din it-telefonata huwa kien ammetta li ghandu jaghti dawn il-flus lil Vella, pero’ ma setghax jaghmel dan ghaliex kien ghaddej minn separazzjoni personali. Ghal dan Gino Zammit spjega li hu qal hekk ghaliex Joe Vella kien iwiddbu li hekk kellu jghid, cioe li kellu jaghtih il-flus mhux li nefaqhom fuq mara, quddiem bintu Maria. Mistoqsi waqt din it-telefonata li min kellem wiegeb li Joe Vella u li ma kienx

jaf li kienet qed issir minghand avukat. Mistoqsi kif kien jaf allura li Maria kienet hdejn misserha, wiegeb li biss haseb hekk u kien ghalhekk allura li ammetta li l-flus kienu dovuti lil Vella biex ma jikxfux ma' bintu.

Xhud in difesa ohra prodotta kienet it-tfajla ta' l-istess Gino Zammit, Natalie Terios. Din ikkonfermat li ltaqghet ma' l-akkuzat gewwa t-Turkija fis-sena 2004, meta hu kien hemm ma' shabu. Qalet li fil-fatt spiccaw grupp ta' erbgha min-nies, Gino u hi, Joe Vella u habibitha Angelica. Tkellmet fuq il-fatt li habibitha Angelica kienet tonfoq hafna flus li kien jaghtiha Joe Vella. Tkellmet ghalhekk dwar il-fatt li Joe Vella xtara gakketta, mobile, deheb u hwejjeg lil din Angelica, dwar il-lussu ta' hajja in kwantu ikel u restaurants, li Joe Vella kien jixtri jew jiehu lil din Angelica tixtri affarijiet ghaliha. Xehdet dwar il-fatt illi dana Joe Vella biex juri lil din it-tfajla kemm kellu flus, kien jipprezenta ruhu biex ihallas dejjem hu. Qalet li ghaliha Angelica kienet il-girlfriend ta' Joe stante li hekk giet introdotta lilha. Xehdet li anke meta gew Malta l-ewwel darba kien Joe Vella li hallas ghal dan fil-konfront ta' Angelica u mantniha tul din il-btala. Xehdet dwar xi flus li Vella baghat ma' Zammit lil Angelica go envelope tramite l-VISA Card ta' l-istess Vella. Tghid fil-fatt li Gino anke gibed flus mill-VISA tieghu biex jaghtihom lil din Angelica f'isem Vella. Anke xehdet li rat lil Joe Vella gewwa t-Turkija jigbed flus mill-ATM u jghaddihom lil din Angelica. Xehdet li hi anke rat lil Gino jigbed il-flus mill-VISA tieghu ghal uzu personali tieghu. Xehdet ukoll dwar l-istejjer li Angelica kienet tivvinta, anke ta' mard, biex igieghel lil Vella jibghatilha aktar flus. Dwar il-flus li din Angelica kienet taqla' minn xogholha proprja, Natalie xehdet li dawn kienet tqeghdhom il-bank, u dan kienet tafu ghax kienet tmur maghha tiddeposita.

Xehed ukoll in difesa certa Marco Rossi li wkoll kien iltaqa' t-Turkija ma' Zammit u Vella meta x-xhud telgha hemm ma' Coleiro. Ikkonferma li ltaqghu ma' Zammit u Vella go restaurant u dawn kienu akkompanjati minn zewg nisa. Dwar jekk dan kellimx lil Vella fuq l-ajruplan, Rossi nnega dan kollu, anzi xehed li kien Gino li kellmu u qallu li Vella kien inkwetat ghaliex nefaq hafna flus. Jghid Rossi li hu

qatt ma kien tkellem ma' Vella ahseb u ara kemm kien se jitkellem mieghu fuq daqshekk. Mistoqsi jekk kellimx lil dan Vella wiegeb "xejn". (fol 323).

Ikkonsidrat

Rat in-noti ta' sottomessi, (f'dan ir-rigward taqbel din il-Qorti ma' dak sottomess fit-tieni nota tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile), cioe li d-Difiza marret oltre l-inkarigu taghha u kienet anke tardiva, pero' in kwantu d-Difiza ma tidher li ziedet xejn fuq dak li qalet fit-trattazzjoni ampja taghha u biex zgur ma jigix prgedikat l-akkuzat din il-Qorti se tiehu konjizzjoni ta' tali nota. Illi maghmul dan is-succint tal-punti saljenti tal-provi mressqa, l-Qorti issa trid tghaddi biex tezamina jekk dawk il-fatti prodotti jissodisfawx dawk l-elementi kostitutivi tar-reati addebitati.

Ghalhekk l-ewwel reat addebitat lil Gino Zammit huwa dak tat-truffa gravi, dik innominata u l-aggravanti tat-truffa ai termini ta' l-artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitlu 9. L-elementi kostituttivi ta' l-artikolu 308 tal-Kapitlu 9 gew ben elenkati fin-nota tal-partijiet meta giet citata s-sentenza Pulizija v C. German deciza mill-Qorti ta' Appell Kriminali 30/12/2004 u cioe:

- l-ingann u l-qerq
- b'konsegwenza ta' liema ngann jew qerq, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel azzjoni, att jew ommissjoni
- li ghalhekk b'konsegwenza ta' tali atti jew ommissjoni ta' att tal-vittma, l-agent jaghmel qliegh b'vantagg ghalih jew ghal terz b'dannu patrimonjali ghall-vittma.

L-Antolisei jelenka hekk dawn it-tliet elementi:

*"(1) un particolare comportamento del reo, che il codice design con l'espressione "artifiza o raggiri"*
*(2) la causazione di errore, il quale ...., deve a sua volta dare origine a una disposizione patrimoniale*
*(3) un danno patrimoniale derivato dall'inganno con conseguente ingiusto profitto per l'agente o altre persone." (L'Antolisei: Manuale di Diritto Penale Parte Speciale 1 pag 337).*

Qablu wkoll il-partijiet, kif del resto huwa stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi il-bazi ta' l-ingann jew/u qerq hija l-messa in xena li tinduci fi zball li l-vittma. Ghalhekk l-Antolisei meta jitkellem fuq il-'frode penale' jghid "... *per la frode penale (la truffa) occorresse qualche cosa di piu' e precisamente un apparato esteriore, un mise en scene, destinata a convalidare i fatti falsamente affermati (ibid)."*

Mela stabbilit dan jinhtieg illi jigu ezaminati l-azzjonijiet ta' Gino Zammit fi kwadru ta' dak prodott.

Certament huwa pacifiku bejn il-partijiet illi kemm Gino Zammit kif ukoll Joseph Vella telghu lejn it-Turkija bil-hsieb li jixtru xi merkanzija kif ukoll bil-hsieb li jiddevertu man-nisa. Mhux ikkontestat li dan sar, b'rizultanza li t-tnejn spiccaw b'girlfriend li baqghu jiltaqghu maghhom u anke gabu Malta ghal darba tnejn. Tant li llum il-girlfriend ta' Gino Zammit, spiccat tghix mieghu u anke ghandhom tarbija flimkien.

Lanqas m'ghandha dubju f'mohha din il-Qorti, ghax dawn huma fatti risaputi illi dawn it-tip ta' girlfriends huma finanzjarjament salati. Ghalhekk temmen dak li ssuggeriet u sahqet fuqu d-Difiza li Joseph Vella nefaq somma sew ta' flus fuq certu Angelica. Del resto l-istess Vella fix-xhieda tieghu kif gia riprodotta ammetta tali nfiq <u>a distinzjoni ta' dawk il-flus li hu ta lil Gino Zammit</u> (enfazi tal-Qorti).

Daqstant iehor hija konvinta l-Qorti mill-fatt illi Gino Zammit jinnegozja fil-hwejjeg u kien ben familjari mat-Turkija – harsa lejn l-ammont ta' rikorsi minnu pprezentati f'dan ir-rigward fil-mori tal-kawza hija bizzejjed.

Issa biex wiehed jibda jasal biex jifehm x'gara f'din l-istorja jinhtieg li jigi ezaminat kif imposta ruhu Zammit fil-hajja ta' Vella, u dan setghax iwassal ghal xi ngann jew inkella dan l-ingann pretiz hux ingann min-naha ta' Vella biex jaghtti xturu mal-familja tieghu, teorija din avvanzata mid-Difiza.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti, u wahda soda li mill-provi kif prodotti, Gino Zammit verament kien jipprezenta ruhu bhala pulizija a distinzjoni ta' suldat fl-armata bir-rwol ta' regimental Police. Jista' jinnegah kemm irid dan Zammit, pero' fl-atti jirrizulta li hemm sensiela ta' xhieda barra l-parti leza, li kienu jafuh b'hekk – anzi mhux talli hekk talli b'mod aktar makakk kien jimposta ruha bhala pulizija tas-CID. Il-kulminu ta' din il-gidba min-naha ta' Zammit lin-nies ifixklu rwol tal-pulizija ma' rwol fl-armata jirrizulta mid-dokument HD2(fol 28-30) fejn allura din il-Qorti trid temmen li lanqas Nutar, issa ma hu kapaci jaghmel din id-distinzjoni. Din il-maskra li libes Zammit bid-distinzjoni u kwalifiki tas-CID issodat ruhha meta semma' s-superjuri tieghu bhala spettur li ghalih De Brincat sab il-farmhouse ta' Ghawdex. Kompliet tissoda b'hafna 'name droppings' min-naha tieghu billi jsemmi ma' min kien skorta u lil min jista' jcempel biex jirnexxilu jakkwista Visa ghan-nisa Torok biex igibhom Malta. Allura ssaqsi din il-Qorti la tant xhieda telghu jixhdu, kif gie elenkat, tal-fatt li l-akkuzat kien jimposta ruhu bhala pulizija tas-CID ghaliex Hi m'ghandhiex temmen x'influwenza kellha din l-invenzjoni fuq Joseph Vella, kif ukoll li hu offra bhala tali biex jghin lil Maria Sciberras biex takkwista l-flus li zewgha suppost kellu fid-deposit box mal-HSBC Ghawdex. Irrizulta mill-atti illi Zammit kien gia qua membru tas-CID offra li jghin lil John Coleiro meta kellu nkwiet dwar mutur mhux licenzjat, kif ukoll lil Ronnie Zammit dwar 'bounced cheques'. Allura konfrotata b'din ix-xhieda din il-Qorti hija konvinta u tal-fehma li Gino Zammit verament hekk kien jipprezenta ruhu.

X'vantaggi setgha gab dan lil Gino Zammit? Certament mill-andament tal-kawza jidher li bejn Gino Zammit u Joseph Vella kibret malajr hbiberija kbira, tant li twarrab ghal kollox il-habib in komuni li laqqaghhom flimkien, John Coleiro. Zammit kien konsapevoli tal-fatt li Vella kien jixtri l-parts tal-karozzi minghand dan Coleiro, pero' darba t-Turkija flimkien heggeg u ghen lil Vella biex jibda jixtri l-parts direttament hu mit-Turkija. Tant ried Gino jinqatgha minn dan Coleiro u jithakkem ma' Vella li biex jaqta' d-dejn minn ma' Coleiro ssellef l-ewwel somma flus minghand Vella u biha hallas lil Coleiro. Dan fatt mhux

innegat minn Zammit. Zammit pero' innega il-kumplament ta' flejjes kbar li Vella elenka kif ga riprodott li tah, li tahom Vella irrediga lista u pprezenta anke statements tal-VISA (vide Dok JV, JV1, JV3, JV4, JV7, JV9, JV11). Zammit fil-fatt jinnega li hu qatt ha flus minghand Vella, allura tistaqsi din il-Qorti anke De Brincat qieghed jigdeb fuqu meta xehed li ra l-passagg ta' flus bejn Vella u Zammit. Fil-fatt dan ikkonferma illi verament Vella ta circa Lm 2000 li Zammit biex izommhomlu minhabba l-pulizija Torok u li kien ra lil Vella anke jhallas ghall-affarijiet personali, bhala hwejjeg ta' Zammit. Daqstant iehor dan De Brincat xehed li kien Vella li hallas il-farmhouse mikrija fuq talba ta'Gino Zammit ghall-Ispettur li ma kien xejn Spettur imma had hlief il-Kaptan Pisani.

Allura dan De Brincat li spicca dahal f'din l-istorja bhal Pilatu fil-Kredu, li certament wera bizgha u reticenza minhabba l-imberkin nisa ta' divertiment gewwa t-Turkija, ukoll qieghed jigdeb skond Gino Zammit?

Din ir-relazzjoni ta' fiducja bejn Joe Vella u Gino Zammit ovvjament kompliet tissahhah ghax issa dawn saru 'partners in crime' it-tnejn mizzewga u jfittxu l-kumpanija ta' dawn iz-zewg nisa Torok. Kibret ukoll tant li anke ppruvaw jew ahjar bdew xi tip ta' negozju flimkien. Dan huwa anke ammess mill-istess Gino Zammit li kien qed jixtri l-hwejjeg nofs bin-nofs ma' Vella. Hawn tistaqsi l-Qorti b'liema nofs inxtraw dawn il-hwejjeg li kien tant difficli biex jimmaterjalizzaw fl-importazzjoni taghhom. Kif spicca Joe Vella jhallas tant flus, letteralment ihallas id-dwana minhajr ma jimporta. Dan ghal darba tnejn?? Kif spiccaw l-ircevuti tad-Dwana u freight per ezempju ghalkemm mahruga fuq Zammit, kollha ghand Joe Vella jekk mhux ghax mar verament ihallas hu? Darba li l-akkuzat ghazel li jixhed u kellu biss sal-grad tal-probabbli jissostanza dak li ghazel li jghid, ghaliex ma pprezentax hu l-ircevuti tal-hlas minnu affettwati? Qalilna wkoll Gino Zammit dwar il-flus li hareg minn fuq il-VISA card tieghu – l-esebizzjoni ta' tali statements zgur kien ikun ghaqli min-naha tieghu.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li din l-impostazzjoni ta' pulizija fis-CID flimkien mas-sapjenza tar-relazzjoni li Joe Vella kellu ma' Angelica, kellha certament andament qawwi fuq il-fatti kif svolgew.

Dan fil-fatt iwassal ghat-tieni saga b'dan l-intricc Oliwudjan, dik ta' Maria Sciberras. Huwa ammess li din Maria kellha problema matrimonjali ma' zewgha u kella erbat itfal xi tmantni b'xoghol li ma tantx irendi wisq. L-istorja minnha avvanzata hija ghal kollox negata minn Zammit. Pero' din id-darba ma jistax Zammit jimputa li l-flus imsemmija gew minfuqa fuq it-tfajla Torka, ghax Maria Sciberras zgur li ma nefqitx sold fuq din il-habiba ta' misserha. Din l-istess Maria, anke kif xehed l-akkuzat ghalkemm konsapevoli mill-hbiberija bejn misserha u Angelica, ma kinitx taf u ma kinitx accettanti li tali hbiberija zviluppat fuq livell intimu. Anke f'din is-sitwazzjoni jirrizultaw provi li Gino Zammit imposta ruhu bhala pulizija tas-CID u dahhal fin-nofs impostur iehor certu Spettur Darmanin. Imppresjona lill-vittmi tieghu bil-wiri ta' manetti u flokk imqattgha ghax gera fuq xoghol ta' Pulizija wara l-Gharab qabel ma arrestahom. Pero' mhux dan biss iwassal lill-Qort temmen li hu ha l-flus kif xehdet Sciberras pero' x-xhieda tat-terz innocent li kkorrobora l-ghoti tal-flus u l-istorja li ntqalet: Antonia Antonov.

Anke hawn tistaqsi din il-Qorti x'interess kellha din il-persuna li tivvinta li sellfet il-flus u b'diffikulta' enormi quddiem din il-Qorti tirrakkonta storja li qaltilha l-habiba taghha Maria Sciberras.

Il-fatti kif irrakkontathom Maria Sciberras huma aktar kredibbli meta wiehed iqis li hija anke ammettiet, anke jekk b'certu skuzanti, li kienet lesta li tibghat li zewgha nnocenti l-habs basta tiehu l-flus tas-safe deposit box.

Minn dan kollu din il-Qorti ssib illi Gino Zammit ikkrea messa in xena aktar minn teatrali b'impostazzjoni tieghu ta' pulizija tas-CID li jista' jaghmel il-mirakli bin-nies li jaf, bil-konoxxenza tieghu tal-pajjiz Tork u tan-negozju u di piu tal-hbiberija li Vella kellu mat-Torka. Hu qieghed lilu

nnifsu f'pozizzjoni ghal kollox influwenti fuq Joseph Vella, anzi zzid din il-Qorti li pogga lilu nnifsu konxjament u b'intenzjoni f'tali pozizzjoni, bir-rizultat li nduca lil Vella u Sciberras f'dan il-qerq, bil-konsegwenza li dawn sofrew telf patrimonjali, Vella b'mod aktar minn bintu, gialadarba din kull ma qed thallas lura hija s-somma ta' Lm 5000 li ssellfet minghand Antonia Antonova.

L-influwenza li Zammit kellu fuq Vella hija aktar kristallizata mill-fatt li wiehed irid jiftakar illi kien habib ta' ghoxrin sena ta' Joseph Vella, John Coleiro, li ntroducieh ma' Zammit. Tant li Vella fix-xhieda tieghu jghid li hu ma basarx li Coleiro kien se jidhaq bih u jintroducih ma' bniedem ta' dan it-tip.

Dwar il-mod kif gie ngannat b'Zammit basta li jigi riprodott kumment li ghamel Vella fix-xhieda tieghu f'dan ir-rigward "... bilfors li qarraq bija s-Sur Zammit ghax jien mill-affarijiet li kien jaghmilli kont nara certu affarijiet li ghandu hafna power u li ghandu l-interrogazzjoni kollha mal-Pulizija, jigifieri li hu bniedem ta' servizz" (fol 115). Jghid ukoll "...kont qed nafda fuqu li hu vera ghandu dik il-kariga u li ahna nafu li bhala kariga tas-CID hija xi haga onesta, xi haga li tafda fuqha. Jekk ma tafdax lill-pulizija u lis-CID lil min trid tafda" (fol 116).

Dan l-istess effett tista' tghid li esprimietu Sciberras specjalment meta rat lil Zammit johrog il-manetti u jiltaqa' maghhom bit-T shirt imqattgha wara li fuq xoghol issara ma' xi Gharab, fi kliemu.

Certament ghalhekk premess dan kollu din il-Qorti tqis illi r-reat addebitat taht l-artikolu 308 bl-aggravju tieghu gie sodisfatt.

Ir-reat l-iehor imputat lil Gino Zammit huwa dak ai termini tal-artikolu 121A tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat jippunixxi l-uzu ta' nfluwenza ghal otteniment ta' vantagg.

Jirrizulta b'mod car illi Gino Zammit ipprezenta ruhu hafna drabi bhala pulizija tas-CID meta kien biss Regimental Police fl-Armata kif gia gie riprodott huwa kellu wkoll il-

vizzju ikrah ta' 'name dropping', sahansitra ghal darba tnejn uza l-isem tal-President ta' Malta biex "jirranga" malajr xi sitwazzjoni ghal vantagg tieghu .
Ma taqbilx din il-Qorti ma' dak li qalet id-Difiza li ghandu jkun skuzant, li minn dan kollu Vella u Sciberras ma akkwistaw xejn. Dan minhabba dak li hemm mahsub fis-subinciz (3) ta' l-imsemmi artikolu 121A. Tinsa d-Difiza il-kollaborazzjoni gia spjegata bejn Gino Zammit, l-Ispettur Darmanin u l-Bank Manager ta' HSBC Ghawdex, dejjem skond l-invenzjoni ta' l-akkuzat u dan il-misterjuz Spettur Darmanin. Tinsa wkoll id-Difiza illi l-imsemmi subinciz iqis ir-reat bhala kkunsmat sew jekk l-influwenza mhux xierqa kienet jew ma kinitx tezisti, sew jekk l-influwenza kienet jew ma kinitx saret, kif ukoll jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz. Tfakkar ukoll il-Qorti illi terz certament bla nteress pekunjarju f'din il-kawza, xehed illi hu kien imwieghed minghand Zammit pjacir ta' irrangar meta l-gharus ta' bintu habat b'mutur mhux licenzjat, hawn il-Qorti qed tirreferi ghal dak li ddepona John Coleiro.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li anke f'dan ir-rigward ir-reat taht l-artikolu 121A tal-Kapitlu 9 gie pruvat.

L-ahhar reat addebitat lil Gino Zammit huwa dak mahsub taht l-artikolu 250 tal-Kapitlu 9.

Hawn si tratta tar-reat ta' rikatt – il-parti saljenti ta' dan l-artikolu ghall-kaz in dizamina huwa:

*"kull min, ... bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra ... taghmel jew tonqos milli taghmel xihaga, jhedded ... li jaghti malafama lil dik il-persuna ... jehel."*

Il-Qorti siltet hekk danl-artikolu gialadarbe qabel l-emenda fih, l-interpretazzjoni moghtija biex jigi kostitwit dan ir-reat kienet li a bazi ta' dan it-theddid dejjem ried ikun hemm gwadann pekunjarju, il-"lucro" ghal agent. Ghalhekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija v Edgar Apap, 13/04/57 per Imhallef Harding, ghamlet studju approfondit ta' dak li ghandu jkun is-sinifikat tal-kelma

"qligh" fl-artikolku in dizamina.  Dan l-istudju kien intiz biex jigi determinat jekk bil-kelma 'qliegh' il-ligi riditx li tali qligh ikun limiat ghal pofitt patrimonjali jew kinitx tinkludi din il-kelma fiha wkoll sodisfazzjoni iehor ghal agent mhux ta'natura pekunjarja.  F'din is-sentenza fil-fatt gew citati diversi guristi fosthom il-Carrara li fil-Programma del Corso di Diritto Criminale jghid li l-kelma "lucro" jikkonsisti "in denaro o in altre cose appetibile", jekwipara ma "godimento materiale".

Illi din is-sentenza hawn imsemmija fil-fatt irrespingiet mill-Appell ta' l-Avukat Generali, li minnu giet instigata, in kwantu l-appellant sostna illi l-kelma qliegh f'dan l-artikolu kienet tikkomprendi kwalunkwe godiment jew pjacir jew sodisfazzjoni anke mhux wiehed ta' valur pekunjarju.

Dan kollu qed jinghad minhabba is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile fin-noti taghhom.  Dan qed jinghad ukoll ghax dan l-artikolu in dizamina bhala artikoli ohra fil-ligi, ghadda minn emendi u ghalhekk illum ghandu z-zieda ta' frazi ohra "taghmel ta' din il-Qorti l-inkluzjoni ta' din il-frazi tiddipartixxi mir-rabta ta' qliegh biss patrimonjali u ghalhekk theddid li jwassal ghal godiment jew sodisfazzjoni iehor mhux pekunjarju, ukoll jaqgha taht ir-reita' ta' dan l-artikoli.

Certament Gino Zammit ghamel qligh pekunjarju kbir a dannu ta' Joseph Vella u bintu Maria.  Appena sar jaf li Joseph Vella kien sejjer jaghmillu rapport id-Depot huwa cempel lil Maria Sciberras u heddidha.  Dak li gara in succinct.  Fil-fatt Jospeh Vella mar ghand John Coleiro b'rawgha f'halqu kif qal hu u minghand dan, ghax emmen li bejnu u bejn Zammit kien hemm xi kollaborazzjoni, ried flusu lura u tarraflu li se jmur jaghmel rapport.  Vella gibed lejn il-Furjana.  Skond Maria Sciberras cemplilha Gino Zammit u heddidha li jekk missierha jmur id-Depot, lejn il-Furjana hu kien se jkissirhom, kien anke se jurihom ir-ritratti ta' missierha ma' mara, Angelica, ghalina. Wiehed ried jiftakar li dawk ir-ritratti hekk esebiti nstabu ghand Zammit.

It-telf ta' Zammit jekk Vella kellu jaghmel tali rapport kien l-eventwali procediment Kriminali u t-telf tal-qligh patrimonjali akkwistat. Ried ghalhekk li anke minhabba l-qligh gia akkwistat u minhabba l-bizgha attwali ta' nvestigazzjoni Kriminali, li jwaqqaf lil Joseph Vella milli jaghmel rapport fuq l-agir tieghu mal-Pulizija. Fil-fatt Maria Sciberras, imbezzgha kif kienet meta semghet it-theddid ta' Zammit, tant li xehdet li anke irremettiet, waqfet ghal mument lil missierha milli jintavola r-rapport kontra Zammit.

Il-mument li dan it-theddid kellu l-effett desiderat minn Gino Zammit, li kellu, gie kostitwit dan ir-reat. Ma jiswa xejn ghal Zammit li Vella sab il-kuragg li jaghmel ir-rapport lill-Pulizija wara. Tghid sew il-Prosekuzzjoni u l-parte civile fin-nota taghha, illi li darba lil koerzjoni sofferta mill-vittma f'idejn l-agent, kellha l-effett desiderat, allura r-reat huwa ezistenti. Fil-fatt l-ghan tat-theddid huwa l-infuwenza li tali jkollu fuq il-vittma ghal skop determinat mill-agent.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti, tqis li tali reat ukoll gie pruvat u ssib lil Gino Zammit hati anke taht l-artikolu 250 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

In ezami ta' dawn ir-reat addebitati in relazzjoni mal-provi prodotti din il-Qorti thoss li ghandha taghmel ukoll is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Fl-ewwel lok ma kienx gharef Gino Zammit meta ppretenda li jitwemmen li Joseph Vella geghlu jigi arrestat ghal xejn biex jghatti xturu ghax nefaq hafna flus fuq Angelica. Barra r-ragunijiet premessi li wasslu l-Qorti ghad-decizjoni ta' htija, s-semplici matematika kienet twassal lil Zammit ghal somma ta' flus li zgur li qatt ma giet pruvata li Vella nefaq fuq Angelica, dan in kontrast ma' dak li Vella kien jippretendi u ghandu jiehu minghand Zammit skond id-dokumenti minnu esebiti.

Trid anke l-Qorti tghaddi kumment fuq ir-rizultanzi ta' l-espert Joseph Gaffiero. Vella kien cert u kategoriku li Zammit ghamel dik li qisha firma taht il-kelma 'Gino'.

Gaffiero jikkonkludi li dik mhux il-firma ta' Gino Zammit skond il-kampjuni tal-firma ta' l-istess akkuzat. Il-Qorti hawn se taghti ragun lit-tnejn – temmen li Gino Zammit ma ffirmax il-firma tieghu kif ma tax in-numru tal-karta tal-identita' tieghu. Hawn ikompli l-qerq. Id-Difiza fil-fatt ippruvat taghmel kapital minn dan id-dokument, li lanqas minn investigazzjonijiet ulterjuri ordnati lill-Pulizija mill-Qorti, ma rrizulta xejn minnu. Tistaqsi din il-Qorti mela kieku Joseph Vella ried iqarraq b'din il-Qorti kien se jipprezenta dokument biex isahhah it-tezi tieghu, konsapevoli tal-fatt li l-firma hija falza u li n-numru tal-karta tal-identita' huwa hazin?

Ghalhekk il-Qorti temmen dak li qal Joseph Gaffiero li dik it-tharbixa mhux il-firma ta' Gino li qed timita l-firma ta' Gino, pero' tharbixa maghmula minn Gino biex iqarraq b'Joseph Vella, skond ma xehed Vella.
Xejn izjed m'ghandha x'izzid din il-Qorti hlief li ftit iltaqghet ma' invenzjonijiet irrikamati bhal dawk mahluqa mill-akkuzat.

Premess dan kollu qeghda ghaldaqstant issib lil Gino Zammit hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu dan wara li rat l-artikolu 308, 309, 310, 121A, 250, 18, 31, 20, 23, 533 tal-Kapitlu 9, qieset id-dannu kbir li dan ir-ragel infligga fuq din il-famlja u kif gia esprimiet ruhha l-gravita' ta' l-intricci u gideb. Qieset ukoll id-dannu pekunjarju soffert mill-parte leza, in vista ta' l-aggravant mahsub taht l-artikolu 310 tal-Kapitlu 9. Tqis li huwa ghandu jbati piena karcerarja effettiva, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9 u qeghda tikkundnanah ghal piena ta' habs ta' erba' (4) snin habs dan anke wara li kkonsidrat il-fedina penali tieghu.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9, tikkundannah ihallas is-somma ta'mija u zewg liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu ekwivalenti f'Euros ghal mitejn u tmienja u tletin Euro u hamsa u disghin centezmu (€238.95) bhala spejjez peritali fi zmien xahar mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------